MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 994/2001/1

**Tarcisio Camilleri**

**Vs**

**Santino u Lara Micallef**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fl-1 ta’ Gunju, 2001, li in forza taghha, wara li ppremetta illi;

L-attur huwa r-rapprezentant lokali tas-socjeta’ estera *Shaws Pets Products Ltd* li jipproducu l-prodotti *“Shaws”*;

Fis-6 ta’ Ottubru, 1999, l-partijiet iffirmaw skrittura privata fejn l-attur accetta li jittrasferixxi d-distribuzzjoni lokali tal-prodotti *“Shaws”* lill-konvenuti u dan *a bazi* ta’ kondizzjonijiet elenkati fl-istess ftehim;

L-konvenuti naqsu milli josservaw dawn il-kondizzjonijiet;

L-istess konvenuti infurmaw lill-attur illi huma ma kellhom ebda hsieb ikomplu b'dan in-negozju;

L-konvenuti huwa ghalhekk unikament responsabbli ghal-ksur tal-kondizzjonijiet tal-istess ftehim;

Minhabba l-agir irresponsabbli tal-konvenuti l-attur qed isofri telf finanzjarju;

L-partijiet fi klawsola tnax tal-ftehim qablu li f'kaz ta' ksur tal-kondizzjonijiet *da parti* ta' xi wiehed mill-partijiet dan ihallas is-somma ta' ghaxar t'elef liri Maltin (Lm10,000) bhala danni;

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex;

1. Tiddikjara li l-konvenuti kisru l-kondizzjonijiet tal-ftehim datat 6 ta' Ottubru, 1999;

2. Tikkundana l-konvenuti ihallsu l-attur s-somma ta' Lm10,000 bhala danni likwidati ghal-ksur tal-kondizzjonijiet skond l-istess ftehim;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru, bl-imghax legali kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

1. It-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michud bl-ispejjez;

2. Mhuwiex minnu illi l-konvenuti naqsu milli josservaw il-kondizzjonijiet elenkati fl-iskrittura privata ta' bejn il-partijiet ta' 6 ta' Ottubru, 1999 izda fil-fatt huwa l-attur illi naqas milli jonora l-obbligi assunti minnu *ai termini* tal-istess skrittura hawn fuq imsemmija liema nuqqas huwa

mertu ta’ kawza ohra pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti, fl-ismijiet Lara u Santino Micallef vs Tarcisio Camilleri Cit Numru 1045/01JRM differita ghat-tnax ta’ Frar, 2002.

3. Mhuwiex minnu illi l-konvenuti nfurmaw lill-attur illi ma kellhom ebda hsieb li jkomplu bl-istess negozju;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi tal-partijiet;

Rat id-digrieti moghtija f’din il-kawza;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li l-attur, zgur sa mis-sena 1992, kien agent lokali tad-ditta *Shaws Pet Products Limited*, kumpanija nkorporata fl-Ingilterra. *Tramite* din il-kumpanija, l-attur kien jimporta hawn Malta prodotti bil-marka *“Shaws”* tal-istess kumpanija, u prodotti ohra tal-marka *“8 in 1”*, liema prodotti huma manufatturati minn kumpanija Amerikana, *pero’,* importati fl-*Ewropa tramite* s-socjeta’ *Shaws Pet Products.* Il-prodotti tal-marka *“Shaws”* u tal-marka *“8 in 1”* huma prodotti mahsuba ghall-animali *pets* li wiehed izomm f’daru. Il-prodotti ta’ *“Shaws”* huma aktar prodotti kosmetici u ta’ *hygene*, waqt li dawk bil-marka *“8 in 1”* huma koncentrati aktar fuq vitamini *supplements*. L-attur kien jimporta dawn il-prodotti bhala grossist, u kien iqassamhom f’diversi hwienet li jbieghu *pet products*, fosthom lill-hanut gestit mill-konvenuti Micallef. F’okkazzjoni minnhom, il-konvenut indika mal-attur li xtaq jixtri l-agenzija tal-prodotti *“Shaws”*. L-attur wera interess u anke offrielhu l-prodotti tal-marka *“8 in 1”*, izda l-

konvenut kien interessat biss fil-prodotti tal-marka *"Shaws"*. Skond il-konvenut, kien hu li ried iz-zewg ditti, izda l-attur kien interessat biss li jbiegh l-agenzija tal-marka *"Shaws"*.

Wara li sar qbil fuq il-bejgh tal-prodotti tal-marka *"Shaws"*, il-partijiet iltaqghu fl-ufficcju ta' Dr. Hugh Peralta sabiex jigi redatt il-ftehim; dan il-ftehim gie iffirmat fis-6 ta' Ottubru, 1999. Skond dan il-ftehim, gie registrat li l-attur kellu s-*sole agency* tal-prodotti manufatturati mid-ditta *Shaws Pet Products,* u obbliga ruhhu li jghaddi din l-agenzija favur il-konvenuti f'kaz u meta li l-konvenuti jhallsu l-prezz kif patwit fl-istess ftehim; il-prezz ta' l-*stock* ezistenti u tal-agenzija gie determinat fis-somma ta' Lm22,000. Il-ftehim kien li dan il-hlas isir billi l-konvenuti jimpurtaw prodotti tal-marka *"Shaws"*, u lill-attur ihallsuh 40% tal-valur tal-prodotti, skond il-*purchase invoice* ta' *Shaws Pet Products.* Hekk kif, *tramite* dawn il-hlasijiet, l-attur jircievi s-somma ta' Lm22,000, dan tal-ahhar jghaddi l-agenzija lill-konvenuti. F'dan il-ftehim ma giex indikat kemm il-konvenuti ghandhom jixtru prodotti fis-sena, u kemm jistghu idumu biex ihallsu lill-attur is-somma patwita ta' Lm22,000. Jidher, *pero'*, li l-hsieb kien li l-konvenuti jordnaw prodotti kemm jiswew b'Stg10,000 fis-sena, b'mod li l-hlas lill-attur isir kollu fi zmien seba' jew tmien snin. Dan qed jinghad ghax zgur ma kienx previst li l-konvenuti jixtru xi bott jew tnejn fis-sena, b'rizultat li l-attur jispicca ma jithallas qatt is-somma patwita! Il-hsieb kien li l-ftehim jigi terminat xi darba, u dan johrog ukoll minn klawsola 11 tal-ftehim li titkellem fuq obligazzjoni *"during this agreement and for a period of ten years thereafter"*. Il-hsieb li jinxtraw Stg10,000 valur ta' prodotti jirrizulta mix-xhieda tal-attur, u anke minn klawsola erba' tal-ftehim li jghid hekk:

*"Lara Tabone and Santino Micallef are to make yearly orders for the products, from Shaws Pet Products, through the seller. Purchasers will be given a 20% reductions in the price of goods bought. In the event that purchases do not exceed Stg Pds 10,000 per calendar year, then in the subsequent year, the company will review this reduction at its sole discretion".*

Fid-dawl tal-fatt li f'din il-klawsola hemm *statement* ta' fatt li l-konvenuti kien se jkollhom tnaqqis ta' 20%, liema rata ta' tnaqqis tista' tigi riveduta jekk l-akkwisti jkunu ta' valur ta' anqas minn Stg10,000, dan jimplika li l-arrangament kien li l-konvenuti jimpurtaw prodotti b'dak il-valur kull sena, biex b'hekk l-attur jircievi hlas ta' Stg4,000 fis-sena. Ghalkemm dan ma johrogx car mill-kitba, il-Qorti trid tinterpreta l-kuntratt kollu biex jaghmel sens, u b'mod li jista' jkollu logika u effett bejn il-partijiet.

F'kull kaz, zgur li l-konvenuti kellhom jibqghu jixtru prodotti tas-*"Shaws"* sakemm ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm22,000, u dan kien mistenni li jsir fi zmien relattivament qasir. Hi x'inhi, hu fatt li l-konvenuti waqfu jordnaw prodotti tal-marka *"Shaws"* qabel ma halsu lill-attur is-somma kollha patwita. Jirrizulta li, fil-fatt, il-konvenuti ghamlu biss tlett ordnijiet, wahda ta' Stg1,190, ohra ta' Stg2,200, u ohra li ma gietx kompluta peress li l-konvenut ma kienx baghat il-hlas taghha. L-attur kien ilmenta li dawn l-ordnijiet hekk ta' valur zghir, kienu 'l boghod mil-valur miftiehem ta' Stg10,000; il-konvenut qallu biex jaghtih ftit cans ghax *"il-bidu dejjem ikun iebes"*. Meta l-konvenuti waqfu jordnaw prodotti *"Shaws"*, l-attur ilmenta, izda l-konvenuti qalulu li x-xoghol miexi hazin u kienu se jaghlqu il-hanut. L-attur ried jimxi mal-ftehim, izda meta l-konvenuti baqghu bil-hanut maghluq, hu ha xi prodotti lura, b'mod li meta qies dan l-*stock* li ha lura w l-flus li kien lahaq inghata, sakemm il-konvenuti waqfu joperaw il-ftehim, l-attur kien ha biss madwar Lm3,000. Minhabba dak li gara, l-attur tilef l-agenzija ta' *Shaws Pet Products*.

Il-konvenuti jallegaw li huma waqfu jixtru prodotti tal-marka *"Shaws"* peress li l-attur kiser il-ftehim u beda jimporta prodotti *in* kompetizzjoni maghhom. Il-konvenuti qed jibbazaw l-ilmenti taghhom fuq dak li jipprovdi l-artikolu 11 tal-ftehim, li jiddisponi hekk:

*"Tarcisio Camilleri is not to compete with Lara Tabone and Santino Micallef on the said product lines during this agreement and for a period of ten years thereafter. Without prejudice to the generality of this clause, Tarcisio*

*Camilleri whether directly or indirectly is not to import, or have any interest locally – save as hereabove said – in Shaws Pet Products. Seller will import the products solely at the order of buyers, and guarantee that the product will not be sold in Malta other then through buyers”*.

Din il-klawsola hija importanti ghas-soluzzjoni tal-kaz, peress li, kif inghad, il-konvenuti waqfu jixtru prodotti tal-marka *“Shaws” tramite* l-attur, u dan qabel ma lahqu halsu s-somma patwita ta’ Lm22,000, u, ghalhekk, teknikament agixxew bi ksur tal-ftehim tas-6 ta’ Ottubru, 1999. Il-konvenuti ggustifikaw l-agir taghhom peress li l-attur kien qed jagixxi bi ksur ta’ klawsola numru 11.

Hu ammess li, wara li gie iffirmat il-ftehim bejn il-partijiet, l-attur baqa’ jimporta prodotti tal-marka *“8 in 1”*, u f’zewg okkazzjonijiet ohra importa prodott iehor ta’ kumpanija Amerikana. L-ilment principali tal-konvenuti huwa dirett lejn dan l-ahhar prodott.

Fost id-diversi prodotti li l-konvenuti kienu jixtru tal-marka *“Shaws”* hemm *shampoo* li jissejjah *“Parapet Shampoo”* u jinghad li hu *“hostile to fleas, kind to your dog”*; fuq il-label tal-prodott hemm stampa ta’ kelb. Il-prodott impurtat mill-attur mill-Stati Uniti jismu *“Citronella Essence Shampoo for Dogs”*. Dan l-ahhar prodott huwa mibjugh *tramite* il-*“Common Ground Environment Commitment”*, li l-ghan taghha huwa li tippromwovi l-uzu ta’ prodotti naturali b’anqas hsara lill-ambjent.

M’hemmx dubju li t-tikketta taz-zewg prodotti hija differenti wahda mill-ohra, u anke l-*container* huwa differenti kemm fl-ghamla kif ukoll fid-daqs. Il-prodotti jidhru differenti anke mad-daqqa t’ghajn, *pero’*, skond il-konvenuti, peress li t-tnejn huma *pet shampoos*, huma prodotti li jikompetu ma’ xulxin. M’hemmx dubju lanqas li l-ingredjenti ghaz-zewg *shampoos* mhux l-istess, u l-*contents* huwa wkoll differenti, izda m’hemmx dubju lanqas, fil-fehma tal-Qorti, li z-zewg prodotti ghandhom jitqiesu f’kompetizzjoni ma’ xulxin, u dan peress li t-tnejn huma *shampoos* ghal-klieb, u ghal-konsumatur ta’ intelligenza medja, it-tnejn huma *“interchangeable”* skond preferenza soggettiva li hafna

drabi tkun dipendenti fuq l-*availability* u dak li jolqot l-ghajn. Din il-kompetizzjoni tissejjah *"inter-brand competition"*, li hi kompetizzjoni bejn prodotti simili ta' ditti differenti.

Ghalkemm il-prezz taz-zewg prodotti huma differenti, il-fatt li t-tnejn ghandhom l-istess skop u l-ingredjent baziku (*Laureth Sulfate*) hu l-istess, iwassal lill-Qorti tifhem li bejn iz-zewg prodotti jezisti element ta' *"substitutability"*. Dan mhux kaz fejn wiehed qed jofri fis-suq oggetti differenti, bhal banana u frott iehor, fejn il-Kummissjoni Ewropea, fil-kaz United Brands (Kaz. 27/76 – 1978) iddecidiet, ghal-fini biex tistabilixxi *"a dominat position"* ghall-applikazzjoni tal-artikolu 82 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, li banana mhiex *"interchangeable"* ma' frott iehor; dan huwa kaz fejn l-*intended use* hu l-istess u fejn il-prodotti huma, ghalhekk, f'kompetizzjoni diretta ma' xulxin. Din il-Qorti, ghalhekk, taqbel mal-argumenti tal-konvenuti li l-attur, bl-introduzzjoni fis-suq lokali tal-prodott *"Citronella Essence Shampoo for Dogs"*, kien qed jikkompeti mal-konvenuti fuq l-istess *"product lines"* li kienu l-meritu tal-ftehim tas-6 ta' Ottubru, 1999, u dan bi ksur tal-istess ftehim.

Kif jispjega l-konvenut, meta hu ha l-agenzija tal-marka *"Shaws"*, hu halla f'idejn l-attur il-marka *"8 in 1"*; l-attur, bil-ftehim ta' Ottubru, 1999, ma kienx gie impedut milli jimporta prodotti tal-marka *"8 in 1"*. L-attur seta' jimporta diversi prodotti, bhal *calcium tablets* u affarijiet ohra li mhumiex manufatturati mid-ditta *Shaws Pet Products.* Fil-fatt il-kumpanija li timmanifattura prodotti tal-marka *"8 in 1"* ghandha *range* ta' prodotti aktar vasta minn dik ta' *Shaws Pet Products Ltd*, u l-attur seta' jkompli juza l-agenzija li kellu ghal prodotti tal-marka *"8 in 1"*, basta ma jimpurtax prodotti *in* kompetizzjoni mal-prodotti tal-marka *"Shaws"*.

L-attur isostni li, f'kull kaz, il-konvenut kien jaf li hu kien qed jimporta dan il-prodott u qatt ma oggezzjona. Jghid li l-ordni kienet tkun inkluza ma ordni li kien jaghmel il-konvenut, u li dan kien zgur innota li hu kien qed jordna dan is-*shampoo* ghalih. *Inoltre,* l-attur jghid li l-konvenut kien gieli imur jigbor il-merkanzija mid-Dwana hu u kien jara l-kaxxa ta' *"Citronella Essence Shampoo"*. Barra

minn dan, f'okkazzjoni minnhom, il-konvenut xtara dan l-istess *shampoo* minghand l-attur u esponieh ghal bejgh fil-hanut tieghu.

Il-konvenut ma jichadx dan, izda jargumenta illi meta kien jaghmel l-ordnijiet tieghu, ma kienx jaghti kaz x'kien qed jordna l-attur, u, *inoltre*, l-ordnijiet ghal-hanut kienu hafna drabi jaghmilhom l-impjegat tieghu, Adrian Hili, u ma kienx jaf li dan kien xtara zewg *containers "Citronella Essence Shampoo"* minghand l-attur. Lanqas meta nizel ghall-merkanzija fil-port ma ta' kaz x'kien gab l-attur. Hu kellu *van* li fih ghabba l-prodotti tieghu, u l-attur kellu l-karozza tieghu li fiha pogga affarijiet tieghu. Il-konvenut jghid li nduna x'kien qed jaghmel l-attur, wara li l-attur kien qed jinsisti mieghu li jixtri aktar prodotti (waqt li hu qies li jixtri skond il-htigijiet tal-*business* tieghu), u waqt li qed iqalleb fl-*invoices* induna li l-attur kien qed jimporta *shampoos* ta' ditta ohra estera.

Ftit wara li nqalghet din it-tilwima bejn il-partijiet, il-konvenut ghalaq il-hanut biex, skond ma xehed, jikkoncentra fuq il-*whole sale business* li kien imexxi.

Il-Qorti lesta taghti affidabilita' lit-tezi tal-konvenut li hu ma kienx jaf li l-attur kien qed jimporta *shampoos* ohra, *pero'*, ma tarax li din kienet ir-raguni ghala l-konvenut ghalaq il-hanut u waqaf jimporta prodotti tal-marka *"Shaws"*. Il-vera raguni ghala l-konvenut ghalaq il-hanut kienet ghax in-negozju ma kienx sejjer tajjeb kif haseb. Il-hsieb li jinnegozja l-prodotti tal-marka *"Shaws"* ma irnexxhiex kemm xtaq, u dan hu konfermat mill-fatt li l-ordnijiet li hu kien qed jaghmel kienu fqar. Il-fatt ukoll li dam ma ghadda l-flus lill-attur, u anke nnegozja biex fil-bidu jibda' jaghti lill-attur 30% tal-valur tal-prodotti u mhux 40% skond kif miftiehem, jindika li dan in-negozju ma kienx qed irrendilu kemm xtaq.

Fuq kollox, ghalkemm l-attur kien qed jagixxi bi ksur ta' klawsola 11 tal-ftehim, dan kien biss billi darbtejn importa *shampoos*; l-attur, *pero'*, ma kienx qed jikkompeti mal-konvenut *on a large scale*. Il-konvenut kien jimporta hafna aktar prodotti minn *shampoos*, u l-agir ta' l-attur ma

kienx daqshekk sostanzjali li kellu *"jfallilu"* in-negozju tieghu! Il-ksur tal-ftehim *da parti* ta' l-attur kien *de minimis*, u ma kienx jintitola lill-konvenut iwaqqaf il-ftehim. Il-konvenut seta' agixxa kontra l-attur dwar l-importazzjoni tieghu tac-*"Citronella Essence Shampoo"* u anke jitlob hlas ta' penali, izda mhux hu stess jikser b'mod komplut l-istess ftehim. L-agir tal-attur li jimporta dak is-*shampoo* ma kellux ikollu dak l-effett hekk drastiku fuq l-operazzjoni tal-ftehim li jwassal lill-parti l-ohra twaqqfu kompletament.

Anki l-fatt li l-konvenut iddecieda li jixtri prodotti skond l-ezigenzi tal-*business* tieghu, juri nuqqas tal-konvenut li jifhem u japprezza l-ftehim ta' Ottubru, 1999, li kien jobbligah ihallas lill-attur is-somma ta' Lm22,000. Il-konvenut ma qies dan l-obbligu, u qies biss l-interessi tieghu, b'mod li ghalih, li jhallas lill-attur fuq medda, nghidu ahna, ta' 20 sena, kien *within his rights*. Din il-Qorti gia uriet li l-ftehim m'ghandux jigi interpretat li l-konvenut seta' jixtri prodotti kif u meta ried, u n-nuqqas tal-konvenut li jifhem l-impatt reciproku tal-ftehim, waslitu jagixxi b'mod li, fil-fehma tal-Qorti, wasal ghall-holqien ta' impasse fl-operazzjoni tal-ftehim.

Ghalhekk, il-Qorti tqies li l-konvenuti agixxew bi ksur tal-ftehim tas-6 ta' Ottubru, 1999, meta ma ordnawx prodotti tal-marka *"Shaws"* bir-ritmu li kien mistenni minnhom u meta waqfu jixtru l-prodotti qabel ma lahqu halsu lill-attur is-somma kollha patwita; fil-fatt, wara l-2000, il-konvenuti m'ghamlux ordnijiet ohra.

Kwindi l-konvenuti huma tenuti ghall-hlas tal-penali kontemplata fl-artikolu 12 tal-ftehim.

Il-penali miftiehma hi ta' Lm10,000 *"for every such default"*. *In tema* legali, l-artikolu 1122 tal-Kodici Civili jiddisponi li l-Qorti ma tistax tnaqqas jew itaffi l-penali, hlief meta d-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u din jew tkun accettata mill-kreditur, jew tkun bic-car tiswielu. F'dan il-kaz, il-konvenuti, fil-fatt, wettqu parti mill-obbligazzjoni, tant li l-attur lahaq ircieva madwar Lm3,000 qabel ma gie terminat il-ftehim. Meta tqies, *pero'*, li din kienet biss parti zghira mis-somma dovuta, u b'rizultat ta'

dak li gara, l-attur tilef is-*sole agency* li kellu ma *Shaws Pet Products Ltd*, il-Qorti ma tqies li ghandha taghmel tnaqqis drastiku, u *kwindi* qed tirriduci l-penali ghal Lm6,500.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi is-somma ta' Lm6,500 (sitt elef u hames mitt lira Maltin) bhala penali, bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------